



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Marzu 2023
(OR. en)

7562/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0074(NLE)

ENV 266
PECHE 93

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	17 ta' Marzu 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 143 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, rigward it-tressiq ta' proposta għal emenda tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċi Migratorji tal-Annimali Selvaġġi (CMS) fil-kuntest tal-erbatax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 143 final.

Mehmuż: COM(2023) 143 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.3.2023
COM(2023) 143 final

2023/0074 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, rigward it-tressiq ta' proposta għal emenda tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċi Migratorji tal-Annimali Selvaġġi (CMS) fil-kuntest tal-erbatax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċijiet Migratorji tal-Annimali Selvaġġi (CMS) b'rabta mat-tressiq ta' proposti għad-deċiżjonijiet tal-erbatax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet biex jiġu emendati l-Appendiċijiet ta' dik il-Konvenzjoni.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċi Migratorji tal-Annimali Selvaġġi (CMS)

Il-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċi Migratorji tal-Annimali Selvaġġi ("il-Konvenzjoni") għandha l-għan li tikkonserva l-ispeċijiet migratorji tal-art, tal-baħar u avjarji f'kull parti tal-firxa tad-distribuzzjoni tagħhom. Din tikkostitwixxi trattat intergovernattiv, konkluż taħt il-patroċinju tal-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent, li jikkonċerna l-konservazzjoni tal-ħajja selvaġġa u tal-ħabitats fuq skala globali. L-ispeċijiet migratorji li għandhom jiġu kkonservati huma elenkati fl-Appendiċijiet I (speċijiet fil-periklu) u II (speċijiet li għandhom ikunu s-suġġetti ta' ftehimiet) tal-Konvenzjoni. Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 1983.

L-Unjoni Ewropea hija parti għall-Konvenzjoni¹.

2.2. Il-Konferenza tal-Partijiet

Il-Konferenza tal-Partijiet hija korp tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Konvenzjoni u għandha s-setgħat li tivvaluta l-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet migratorji u, sussegwentement, li temenda l-Appendiċijiet I u II tal-Konvenzjoni. F'konformità mal-Artikolu XI tal-Konvenzjoni, il-proposti għal emenda jistgħu jsiru minn kwalunkwe Parti, u għandhom jiġu adottati minn maġġoranza ta' żewġ terzi tal-Partijiet preżenti u li jivvutaw.

L-erbatax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet se ssir f'Samarkand (l-Użbekistan) mit-23 sat-28 ta' Ottubru 2023. F'konformità mal-Artikolu XI (3), is-Segretarjat tal-Konvenzjoni stabbilixxa d-data tas-26 ta' Mejju 2023 bħala l-iskadenza għat-tressiq tal-proposti għal emendi. Għalhekk huwa meħtieġ li l-Kunsill jieħu deċiżjoni bil-għan li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni b'rabta mat-tressiq tal-proposti għal emenda fil-kuntest tal-erbatax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet.

Qabel l-erbatax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet, is-Segretarjat tal-Konvenzjoni jista' jikkomunika proposti li jkunu saru minn Partijiet oħra sabiex jiġu emendati l-Appendiċijiet I u II tal-Konvenzjoni, li jistgħu jeħtieġu deċiżjoni ulterjuri biex tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fir-rigward ta' daww il-proposti.

2.3. L-att previst tal-Konferenza tal-Partijiet

Għall-erbatax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet, huwa propost li l-Unjoni tressaq proposta biex l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni jiġi emendat biex tiżdied il-protezzjoni ta' speċi waħda ta' ċetaċċi, id-denfil iswed tal-Baltiku Ċentrali (*Phocoena phocoena*), tul il-firxa kollha tad-distribuzzjoni tiegħu, inkluż barra mill-Unjoni.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 82/461/KEE tal-24 ta' Ġunju 1982 li tirrigwarda l-konklużjoni tal-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tal-ispeċi migratorji tal-annimali selvaġġi, ĠU L 210, 24.6.1982, p. 10.

Jekk jiġi adottat, l-att previst se jsir vinkolanti għall-Partijiet f'konformità mal-Artikolu XI tal-Konvenzjoni, li jipprevedi li "l-emenda għall-Appendiċi għandha tidħol fis-seħħ għall-Partijiet kollha disgħin jum wara l-laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet li fiha tkun adottata, apparti għal dawk il-Partijiet li jkunu wrew riserva b'konformità mal-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu".

3. POŻIZZJONI LI GħANDHA TITTEĦED F'ISEM L-UNJONI

Il-proposta tal-Unjoni biex jiġi emendat l-Appendiċi I hija msejsa fuq il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin: (1) l-inklużjoni ta' dawn l-ispeċijiet hija xjentifikament soda; (2) din l-inklużjoni hija konsistenti mal-leġislazzjoni tal-UE; u (3) l-Unjoni hija impenjata fil-kooperazzjoni internazzjonali għall-protezzjoni tal-bijodiversità.

Il-proposta hija konsistenti mat-Tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali sal-2030² u mal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030³, speċjalment l-impenn ewlieni 14 tal-Pjan tal-UE għar-Restawr tan-Natura li permezz tiegħu *l-qbid inċidentali ta' speċijiet jixxejjen jew jitnaqqas għal livell li jippermetti l-irkupru u l-konservazzjoni tal-ispeċijiet*. Din il-proposta ma teħtieġ l-ebda bidla fid-dritt tal-Unjoni, peress li tikkonċerna speċijiet li diġà jibbenefikaw minn protezzjoni xierqa skont id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari fil-qafas tad-Direttiva tal-UE dwar il-Habitats⁴ (li tipprojbixxi l-qbid jew il-qtil ta' ċetaċji fl-UE) u fil-qafas tal-Politika Komuni tas-Sajd tal-UE⁵. Fil-21 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni Ewropea adottat il-"Pjan ta' Azzjoni tal-UE: Niproteġu u nirrestawraw l-ekosistemi tal-baħar għal sajd sostenibbli u reżiljenti", li jirriżulta mill-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030, li tistieden lill-Istati Membri tal-UE jadottaw jew jirakkomandaw miżuri biex jimminimizzaw il-qabdiet aċċessorji tad-denfil iswed tal-Baħar Baltiku (jew inaqqsuh għal-livell li jippermetti l-irkupru sħiħ tal-popolazzjoni)⁶.

Il-proposta ma toħloq l-ebda rekwiżit ġdid ta' monitoraġġ jew ta' rapportar. L-ippjanar u l-monitoraġġ kollu tal-implimentazzjoni se jkunu parti mill-attivitajiet regolari tal-ippjanar u tar-rapportar fil-qafas ta' din il-Konvenzjoni. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda implikazzjoni baġitarja.

Sar skambju informali ta' fehmiet preliminari mal-Istati Membri permezz ta' konsultazzjoni bil-miktub mal-membri tal-Istati Membri tal-Pjattaforma tal-UE għall-Bijodiversità (EUBP).

Għalhekk jenħtieġ li l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni tkun li tawtorizza lill-Kummissjoni tressaq il-proposti msemmija hawn fuq lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. *Prinċipji*

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu "*il-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede*

² [EUR-Lex - 32022D0591 - MT - EUR-Lex \(europa.eu\)](#)

³ [EUR-Lex - 52020DC0380 - MT - EUR-Lex \(europa.eu\)](#)

⁴ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa, ĠU L 206, 22.7.1992, p. 0007 - 0050

⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22.

⁶ Ara wkoll ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/303 tal-15 ta' Diċembru 2021 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 fir-rigward tal-miżuri biex jitnaqqsu l-qabdiet inċidentali tal-popolazzjoni residenti tad-denfil iswed tal-Baltiku Ċentrali (*Phocoena phocoena*) fil-Baħar Baltiku

stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”

Il-kunċett ta’ “*atti li jkollhom effetti legali*” jinkludi l-atti li għandhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp inkwistjoni. Dan jinkludi strumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “*jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-Unjoni*”⁷.

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

Il-Konferenza tal-Partijiet hija korp stabbilit bi ftehim, jiġifieri l-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċi Migratorji tal-Annimali Selvaġġi (CMS).

L-att li l-Konferenza tal-Partijiet qed tintalab tadotta huwa att li għandu effetti legali. L-att previst se jkun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f’konformità mal-Artikolu XI tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċi Migratorji tal-Annimali Selvaġġi.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Konvenzjoni.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva biex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-oġettiv u mill-kontenut tal-att previst li fir-rigward tagħhom tittieħed pożizzjoni f’isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew ikollu żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew komponenti jkun jista’ jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi ġuridika sostantiva unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-oġettiv u l-kontenut ewlenin tal-att previst huma marbuta mal-ambjent.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 192(1).

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

⁷ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, rigward it-tressiq ta' proposta għal emenda tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċi Migratorji tal-Annimali Selvaġġi (CMS) fil-kuntest tal-erbatax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċi Migratorji tal-Annimali Selvaġġi (il-“Konvenzjoni”) ġiet konkluża mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 82/461/KEE⁵ u daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 1983.
- (2) Skont l-Artikolu XI tal-Konvenzjoni, il-Konferenza tal-Partijiet tista' tadotta deċiżjonijiet biex temenda l-Appendiċijiet I u II tal-Konvenzjoni.
- (3) Il-Konferenza tal-Partijiet, waqt l-erbatax-il laqgħa tagħha mit-23 sat-28 ta' Ottubru 2023, tista' tadotta tali emendi. Is-Segretarjat tal-Konvenzjoni informa lill-Partijiet għall-Konvenzjoni li kwalunkwe proposta għal emenda għandha tiġi kkomunikata, b'konformità mal-Artikolu XI(3) tal-Konvenzjoni, sas-26 ta' Mejju 2023. L-Unjoni tista', bħala Parti għall-Konvenzjoni, tressaq tali proposti.
- (4) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni biex jitressqu proposti biex jiġu emendati l-Appendiċijiet tal-Konvenzjoni, minħabba li d-Deċiżjoni tal-Konferenza tal-Partijiet se tkun vinkolanti għall-Unjoni.
- (5) L-inklużjoni tad-denfil iswed tal-Baltiku Ċentrali, il-*Phocoena phocoena*, fl-Appendiċi I tal-Konvenzjoni se tkun xjentifikament soda minħabba l-istatus ta' konservazzjoni tagħha fil-Periklu Kritiku, f'konformità mal-leġislazzjoni tal-Unjoni u mal-impenn tal-Unjoni għall-kooperazzjoni internazzjonali biex tiġi protetta l-bijodiversità.
- (6) Għalhekk, jenħtieġ li l-Unjoni tressaq tali proposta biex temenda l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkomunika l-proposta lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Fil-kuntest tal-erbatax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċi Migratorji tal-Annimali Selvaġġi, il-pożizzjoni tal-Unjoni hija li

tressaq proposta għal emenda tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni biex tinkludi d-denfil iswed tal-Baltiku Ċentrali, il-*Phocoena phocoena*.

2. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika din il-proposta lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*